## PARROĊĊA SAN PIETRU U SAN PAWL: DĦUL U ĦRUĠ JANNAR-DIĊEMBRU 2022

| | DĦUL | ĦRUĠ |
|---|---|---|
| Ġbir fil-knisja (ferta) | 45,646.88 | |
| Niċeċ | 5,446.46 | |
| Donazzjonijiet | 44,154.10 | |
| Dħul minn wirt | 93,873.31 | |
| Fund Raising/Reklamar | 4,637.00 | |
| Church & Lay Dues | 4,155.64 | |
| Donazzjonijiet għaċ-Ċentru | 2,738.25 | |
| Dħul ieħor | 21,580.05 | |
| Diversi ġbir (Jum il-Karità, Obolo, Dar tal-Providenza eċċ.) | 26,386.56 | |
| Bejgħ ta' oqbra | 181,218.00 | |
| Festa San Pietru u San Pawl/San Koronatu/Milied/Kwaranturi | 14,124.53 | |
| Karità Parrokkjali (mill-funerali u donazzjonijiet) | 2,966.04 | |
| Grupp tal-Benefatturi | 6,050.00 | |
| Dħul minn bejgħ ta' kotba | 145.00 | |
| Liturġija u Evanġelizzazzjoni | | 19,334.19 |
| Dawl/ilma/telefon/TV | | 10,343.20 |
| Manutenzjoni u Restawr | | 136,966.30 |
| Stationery/Printing | | 6,608.65 |
| Remunerazzjonijiet | | 51,220.83 |
| Bullettin u materjal stampat | | 5,125.85 |
| Taxxi (proviżorja/oqbra) | | 11,598.00 |
| Festa S. Pietru u S. Pawl/San Koronatu (din iċ-ċifra hija biss dak li tħallas sa Diċembru) | | 19,460.69 |
| Ħruġ ieħor | | 21,472.48 |
| Karità - Ġbir Missjoni, Obolo eċċ. | | 25,440.09 |
| Kurja (Liability Insurance - €1250) | | 9,790.48 |
| **TOTAL** | **453,121.82** | **317,360.76** |
| **BILANĊ** | | **€ 135,761.06** |

**L-AVVIŻI:**

**10K:** dawk kollha li għandhom minn 20 sena 'l fuq u jixtiequ li jagħmlu mixja ta' katekeżi, jistgħu jattendu għall-ewwel laqgħa nhar it-Tnejn 13 ta' Frar fis-7:30pm, fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'Taċ-Ċawla.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa, 15 ta' Frar, immexxija mill-Kan. Dun Reuben Micallef li fiha l-Kan. Joe Cardona, ser ikellemna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel Attard. Din ser tkun fil-Knisja Bażilika u tibda fis-5:45pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive.*

**IL-VANĠELU TA' SAN MATTEW:** jekk hemm xi persuni li bi żball ma rċivewhx, ġentilment nitolbuhom jiġu għalih fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**QUDDIES:** navżawkom li s-Sibt 18 ta' Frar, iż-żewġ quddisiet ta' filgħaxija, tal-5:00pm u tas-6:30pm, ser isiru fil-kappella ta' Santa Tereża, f'Ta' Kenuna. Dan minħabba li ġejna mgħarrfin li l-aċċess għall-pjazza se jkun magħluq sa minn kmieni waranofsinhar minħabba l-karnival. Dakinhar ukoll, se ssir quddiesa extra fl-4:00pm fl-istess kappella, dik ta' Santa Tereża.

**L-GĦAQDA TAN-NAR 29 TA' ĠUNJU:** tixtieq tavża li l-ġabra b'risq il-festa se tkun qiegħda titkompla matul il-ġimgħa li ġejja minħabba li l-ġimgħa li għaddiet it-temp ma ppermettiex. Grazzi.

L-Arċipriet, Kapitlu u Kleru u l-poplu kollu tan-Nadur nifirħu lil Dun Charles Vella li dan l-aħħar ġie maħtur bħala Kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Nawgurawlu ħidma tajba fi ħdan din il-Kolleġġjata Insinji u għalina hu ta' unur kbir li Kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata tagħha issa nħatar ukoll Kanoniku Onorarju ta' din il-Kolleġġjata Insinji ta' San Pawl.

